MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 164/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Monica Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Monica Pace talli:

(1) fit-3 ta’ Frar 2010 ghall-habta ta’ 5.30 a.m. u f’dawn l-ahhar granet gewwa Vjal l-Indipendenza, Zurrieq, remiet, tefghet, halliet jew xort’ohra ddepozitat zibel f’xi post pubbliku;

(2) fl-istess data, lok u hin gabet ruhha b’mod li tat fastidju lil Jospeh Camilleri miz-Zurrieq.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz li ssib lill-imsemmija Monica Pace hatja tapplika l-artikoli 383 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta` ta' Joseph Camilleri u l-familja tieghu miz-Zurrieq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-A.L. 344/05, sabet lill-imsemmija Monica Pace hatja ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatha ammenda ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), izda ma sabithiex hatja tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Monica Pace pprezentat fid-19 ta' April 2010 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja u tirrevokaha ghall-ewwel imputazzjoni u hekk tilliberaha minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-fatt allegat fl-ewwel imputazzjoni ma jinkwadrax ruhu taht l-ipotesi tal-ligi prospettata; (2) li ma kellhiex tinsab hatja tat-tieni imputazzjoni ghax ma ghamlet xejn minn dak allegat minn Joseph Camilleri.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, l-appellanti giet akkuzata li remiet, tefghet, halliet jew xort'ohra ddepozitat zibel f'xi post pubbliku. Ir-regolament 4 ta' l-Avviz Legali 344/2005 fil-fatt jipprovdi: "Hadd ma jista' jarmi, jitfa', ihalli jew xort'ohra iqattar jew jiddepozita xi zibel f'xi post pubbliku". Dan ir-regolament fil-*proviso* tieghu pero` jghid: **"Izda ghall-fini ta' dan ir-regolament, l-Iskeda 1 telenka, izda mhux b'mod tassattiv, l-atti u n-nuqqasijiet li ghandhom jitqiesu li jkunu offiza ta' thollija ta' zibel**

**jew depozitu jew tixrid ta' oggetti skond dan ir-regolament."** Din l-ewwel Skeda tipprovdi li l-atti jew in-nuqqasjiet indikati fl-Iskeda **"ghandhom jitqiesu li jkunu reat skond l-imsemmi regolament [4]"**. Fost l-atti elenkati, il-paragrafu (e) jinkludi l-att ta' min **"bezaq xi sustanza … fuq jew ghal fuq xi triq jew xi post pubbliku"**. Ghalhekk, galadarba hawn si tratta ta' allegazzjoni li l-appellanti "bezqet", l-imputazzjoni kif dedotta hija korretta.

Kwantu ghall-mertu, din il-Qorti semghet lil Joseph Camilleri u lill-appellanti kemm fis-seduta ta' l-14 ta' lulju 2010 kif ukoll fis-seduta tallum. Joseph Camilleri jinsisti li ra lill-appellanti tobzoq fuq il-vettura tieghu. L-appellanti tinsisti li dan mhuwiex minnu u li sahansitra meta baghtu ghaliha l-ghassa l-Pulizija, hija sahqet li kellu jsir test tad-DNA sabiex jintwera li hi ma kinitx ghamlet dak li allega Joseph Camilleri. Dan li qalet l-appellanti gie kkonfermat minn P.C. 270 John Zerafa.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[1].

Din il-Qorti, wara li ghamlet tali evalwazzjoni, hi tal-fehma li hawn ghandna kaz ta' konflitt ta' provi fejn difficilment tista' titwemmen verzjoni wahda fuq l-ohra, u ghalhekk minhabba tali konflitt ikollha tikkonkludi li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha *beyond reasonable doubt*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-ewwel

---

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

imputazzjoni u minnha tilliberaha, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------